GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/26*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2010 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 25. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Is-Sindku ppropona li minflok Paragrafu Nru. 2 fil-faċċata Nru. 3, taħt is-sezzjoni "Materji Oħra" tiddaħħal emenda billi jinbidel il-paragrafu kollu kif spjegat :

"Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab li dawk il-ħaddiema (ex-WSC) li fil-preżent huma assenjati mal-Kunsilli Lokali, u li s'issa ma ddaħħlux fil-"pooling", jistgħu jintbagħtu jaħdmu fl-istess "pooling" jekk jiddeċiedi hekk il-Kunsill Lokali.
Rigward din il-materja, l-Kunsill Lokali ddeċieda li jibqa' jinżamm il-ħaddiem preżenti peress illi hu qed jaħdem fuq diversi xogħlijiet fil-lokalita."

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse

L-aħħar seduta fuq l-appell li qed iressaq is-Sur Mario Bugeja fuq il-kuntratti tat-tindif tat-toroq u fuq il-ġbir ta' skart goff, inżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2010 fis-2.30p.m.
F'din is-seduta kien xehed il-Viċi Sindku s-Sur Emmanuel Mintoff. Fix-xhieda tiegħu l-Viċi-Sindku wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Avukata ta' l-appellant.
Kopja tal-minuti tal-laqgħat kollha fuq dan l-appell, qed jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill.
Għas-seduta li jmiss, l-appellant talab li jerġa' jitressaq jagħti aktar xhieda s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ħalli jwieġeb mistoqsijiet li ma kienx f'pożizzjoni li jista' jwieġeb il-Viċi Sindku peress li l-mistoqsijiet kienu jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali talab li jitressaq jagħti x-xhieda s-Sur Natalino Attard, ex-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
Din is-seduta għandha tinżamm nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju 2010 fil-11.00a.m. fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Belt Valletta

**2. Attivitajiet tal-Festa**

L-attivitajiet kollha li żamm il-Kunsill Lokali għall-festa parrokkjali, kienu suċċess u mxew kif kien ippjanat.
L-ewwel attivita kienet dik ta' serata ta' logħob divertenti għal-kulħadd fejn ipparteċipaw numru sabih ħafna ta' persuni.
L-attivita l-oħra kienet dik tat-tiġrijiet taż-zwiemel. Din għall-ewwel darba inżammet il-Ħadd stess u bdiet fit-3.00p.m. fejn ipparteċipaw numru sabih ta' bhejjem. Il-Kunsill kien iddeċieda li ma jinxtrawx tazzi jew materjal ieħor bħala premijiet iżda l-ħlas kollu li jidħol mill-kitba tal-bhejjem jingħataw kollha lil min jirbaħ minn kull tiġrija.

**3. Tneħħija tas-Siġar minn Triq il-Fanal**

Fl-aħħar seduta tal-Kunsill kien deċiż li s-siġar li hemm fil-bidu ta' Triq il-Fanal, jitneħħew u aktar 'l quddiem ikunu jistgħu jitħawwlu siġar ta' għamla oħra.
Dan ix-xogħol tat-tneħħija tas-siġar se jsir ħalli jkun jista' jitgħaddew il-linji ta' l-elettriku minn l-istess ġenb tat-triq.

**IV. Korrispondenza**

i. Stedina mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said rigward is-suġġett "From Policy to Strategy" li se tinżamm nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2010 fid-9.00a.m. f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

ii. Il-MEPA bagħtet tistaqsi jekk il-Kunsill jixtieqx jibgħat xi osservazzjonijiet għal Planning Control Application Nru. 24/2010. Din tirrigwarda applikazzjoni biex jinbidel l-allijeament u l-wisa tat-triq.

iii. Stedina mill-Banda Mnarja għal Kunċert Mużikali Annwali li se jinżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2010 fid-9.00p.m.

iv. L-AKL bagħtet tinforma li l-laqgħa tas-Sindki li kellha ssir f'Mejju 2010 issa ġiet posposta għall-24 u 25 ta' Settembru 2010 fil-Lukanda Calypso, f'Marsalforn.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Żjara tal-Ġemellaġġ fl-Awstrija**

Il-Kunsill Lokali qed ikompli bil-preparamenti kollha neċessarji għaż-żjara li grupp mill-Għasri se jagħmel f'Ottenschlag fl-Awstrija.
Il-grupp se jitlaq fil-21 ta' Lulju 2010 u jirritorna fit-28 ta' Lulju 2010. Mal-grupp se jkun hemm żewġ rappreżentanti mill-Institute of Tourism Studies ta' Għawdex.
Dawn kienu mistiedna jiġu mill-Kusill Lokali ħalli permezz t'hekk jibdew kuntatti ma' skola tat-turiżmu minn Ottenschlag bi skop ta' skambi edukattivi fil-futur.
Sadanittant, il-Kunsill iddeċieda li jinxtraw rigali ħalli meta nkunu fl-Awstrija dawn jiġu ppreżentati lil min se jkun qed jospitana. Fl-istess waqt, il-Kunsill se jkun qed itella' diversi prodotti lokali ħalli waqt li nkunu qegħdin hemm, intellgħu attivita bi prodotti lokali. Kwantita minn dawn l-affarijiet diġa ntbagħtu fil-post.
Rigward it-trasport tal-grupp kollu, kien deċiż li jinkrew 2 mini-buses u van għall-bagalji li jwasslu lill-grupp kollu direttament mir-residenza ndividwali sal-ajruport u mbagħad anke meta naslu lura.

**2. Għoti tal-"Allowance" lill-Kunsillieri**

Skond regolamenti ġodda li kienu ppublikati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kull membru tal-Kunsill kellu jingħata "allowance" ta' €1200 fis-sena u li dawn ikunu mqassma nofs fl-aħħar ta' Ġunju u n-nofs l-ieħor fl-aħħar ta' Diċembru.

Għalhekk l-ewwel ammont ta' €600 se jingħata fl-aħħar ta' dan ix-xahar. Minn dan l-ammont trid titnaqqas ir-rata ta' 20% bħala taxxa fuq id-dħul.
Fl-istess waqt kull kunsillier se jkun reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa permezz tal-formola FS 4 bħala bidu ta' impjieg reġistrat mal-Kunsill Lokali.

**VI Materji Oħra**
**1. Bidu ta' Skola-Sajf 2010**
Għal din is-sena wkoll il-Kunsill qed iħejji biex jinżamm il-programm ta' skola-sajf. Il-lezzjonijiet se jibdew minn nhar it-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010.
It-tagħlim kollu se jsir bħas-soltu mis-Sur Ġorġ Mizzi li se jkun qed jagħti lill-istudenti tagħlim fuq id-drama u reċtar. It-tagħlim li mbagħad jieħdu t-tfal, ikun jista' jiġi ppreżentat fuq il-palk f'attivita li tinżamm f'Jum l-Għasri.
**2. Tiġdid tal-Assikurazzjoni**
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet tavża li sa nhar il-Ġimgħa qed tilqa' applikazzjonijiet għal tiġdid tal-assikurazzjoni tal-Kunsillieri u mpjegati tal-Kunsill.
Il-Kunsill iddeċieda li din l-assikurazzjoni terġa' tiġġedded.
**3. Għajnuna għal-Librerija Lokali**
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu kemm iddepożita l-ammont ta' €236.00 bħala għajnuna għal-librerija lokali.
Dan l-ammont ingħata wara li kienet tressqet applikazzjoni mill-Kunsill għal xiri ta' diversi kotba bil-Malti.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010 fit-8.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________